**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 15 ta' Frar, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Dario Cassar**
**(K.I. 10001H)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Dario Cassar**, ta 21 sena, bin Valentino Cassar u Roberta Hili, imwieled ir-Rabat Għawdex, nhar is-7 ta' April 2001 u residenti fi 21, Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Rabat Għawdex u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 10001H

U akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-3 ta' Jannar 2023, għall-ħabta tal-22:30hrs, fir-residenta bin-numru 12/23 fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace, fir-Rabat, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-partner ta' ommu, ċertu Joseph Camilleri, persuna li tgħix fl-istess dar bħall-akkużat, liema ġrieħi ġew iċċertifikati minn Dr. Anora Khan MD mill-isptar Ġenerali t'Għawdex; u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil ommu Roberta Hili u lill-partner tagħha Joseph Camilleri, biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imġieba tiegħu ser tikaġunalhom biża', u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurjajt jew heddidt lil Joseph Camilleri, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-kodiċi, anek jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u ċioè ta' Joseph Camilleri u Roberta Hili, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai termini tal-artikoli 382A u 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni għas-sigurtà tal-persuni offiżi Joseph Camilleri u Roberta Hili u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat Dario Cassar ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta’ vjolenza domestika, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat illi nhar it-3 ta’ April 2023, l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li jidhirlu li tista tinstab ħtija, jew ħtijiet, taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216, 221(1)(a), 202(h)(v) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Fl-artikoli 18, 251B, 251H(f)(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B y 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Liema Artikoli nqraw fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2023, fejn l-akkużat ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja minn din l-istess Qorti;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inklużа l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat

Illi l-każ de quo jirrigwardja allegat inċident li beda quddiem ir-residenza tal-akkużat fejn hu kien qiegħed jgħajjat fit-triq ma xi ħbieb tiegħu peress li sellfuħ €200 xi erba xhur qabel u rieduhom lura. Il-parte ċivile Joseph Camilleri, li huwa l-partner ta' omm l-akkużat Roberta Hili, u l-istess ommu niżlu għaliħ biex jgħidulu jieqaf u telgħu lkoll fl-appartament tagħhom. Hemmhekk inqala' diverbju bejn l-akkużat u l-parte ċivile Joseph Camilleri u b'riżultat ta' dan, l-istess Camilleri spiċċa daħal l-emerġenza bi ġrieħi gravi f'wiċċu filwaqt li l-akkużat sofra ġrieħi ta' natura ħafifa. Minħabba l-fatt li kemm l-akkużat kif ukoll il-parte ċivile jirrisjedu fl-istess residenza, sar rapport mis-social workers, li ġie ppreżentat in atti.

Illi f'dan il-każ, minkejja li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lilhinn minn kull dubju raġjonevoli dwar il-ġrieħi li sofra l-parte ċivile u anke l-akkużat, mandanakollu ma rnexxiliex tipprova d-dinamika ta' dan l-inċident u dan għaliex l-uniċi xhieda prinċipali u okulari tal-prosekuzzjoni, senjatament Roberta Hili u Joseph Camilleri, għażlu li jeżerċitaw id-dritt tagħhom mogħti mil-liġi li ma jixhdux. Di più, ix-xhieda l-oħra tal-prosekuzzjoni, ossija l-uffiċjali tal-pulizija u s-social workers xehdu fuq dak li nqtal lilhom minn terzi u mhux dak li jafu huma *di scienza propia*. B'hekk għalkemm il-Qorti għandha verżjoni ta' kif seħħ l-inċident, din il-verżjoni ma tammontax għal provi tajbin biżżejjed sabiex legalment tkun konvinta sal-grad rikjest mil-liġi għas-sejbien ta' ħtija da parti tal-akkużat.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed issib lil **Dario Cassar <u>mhux ħati</u>** tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**